

**Anton Vella**

SMEs Helpdesk Executive
Malta Employers' Association

KIF TAHSIBHA L-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IHADDEM?

# L-IMPORTANZA TAL-ARMONIJA BEJN L-IMPJEGATI U MIN IĦADDEM



L-ewwel ippermettuli nirringrazzja lill-istaff editorjali ta' din il-gazzetta, li ghogbu jibda jiddedika spazju fejn ahna, bhala Assoċjazzjoni ta' Min Ihaddem, inkunu nistghu nesprimu l-veduti taghna fuq diversi kwistjonijiet relatati max-xoghol, kif ukoll naqsmu l-ideat taghna maghkom il-qarrejja fuq suggetti ohra li jolqtu mil-qrib *employers* u sidien ta' negozji zghar.

Din ser tibda tkun il-pagna li permezz taghha l-MEA sejra tkun qed izzomm l-appuntament taghha maghkom l-*employers*, fuq bazi regolari, u speċjalment jekk intom sidien ta' negozji zghar. Nassigurakom li f'dawn il-ftit linji ser tkunu tistghu issibu minjiera ta' informazzjoni, li permezz tal-SME Helpdesk tal-Assoċjazzjoni, jien ser inkun qed naghmel hilti sabiex inwasslilkom.

**Il-bzonn ta' rapport tajjeb**

Illum ser inkun qed inkellimkom dwar kemm huwa neċessarju li jkun jezisti rapport tajjeb bejn l-*employers* u l-impjegti taghhom. Importanti li wiehed izomm f'mohhu li parti mis-sigriet ta' suċċess f'negozju, huwa l-fatt li tkun tezisti armonija, u sinergija shiha fl-operat, bejn l-impjegati u min ihaddem.

L-aqwa investiment li jista' jaghmel imprenditur huwa dak li jinvesti tajjeb fl-impjegati tieghu stess. Ikun inutli li jkollu prodott jew servizz ta' kwalità, jekk l-impjegati tieghu ma jkunux kuntenti fuq il-post tax-xoghol, u b'hekk jispiċċaw li flok jghinu sabiex jinkiseb suċċess fin-negozju, jispiċċaw sabiex indirettament ikunu ta' xkiel ghall-istess intrapriza.

Min ihaddem irid l-ewwel u qabel kollox jaghmel l-ahjar ghazla, meta jiġi biex jingaġġa persuni sabiex jahdmu mieghu. Mhux biss ghandu jhares 'il barra u jara li jirnexxilu jattira l-aktar persuni adatti ghalih, izda jrid ihares ukoll mil-lenti tal-impjegati, u jara li joffrilhom l-ahjar kuntratt ta' impjieg, b'kundizzjonijiet li jaghmlu ġieh lill-istess kumpanija.

Il-MEA minn dejjem sahqet fuq l-importanza li l-*employers* jimxu mar-regoli, u ma dak kollu stipulat fl-Att li jirregola l-kundizzjonijiet tal-impjieg.

Izda li qed nghid jien illum imur 'il boghod aktar minn hekk. L-imprenditur irid ikun konformi mhux biss ghaliex il-liġi titlob hekk, izda ghaliex finalment hekk ikun jaqbel ghalih innifsu, ghall-impjegati u ghall-istess azjenda li hu imexxi.

**L-impjegati jridu jkunu kuntenti**

Impjegati li jkunu kuntenti fuq il-post tax-xoghol taghhom issarrfu fi produttività, jassiguraw il-kwalità, u jiggarantixxu suċċess fin-negozju. Flok il-hin jinhela f'battibekki u kwistjonijiet bejn min ihaddem u l-impjegati, il-hin prezzjuz ikun jista' jintuza sabiex l-intrapriza taghraf tkun aktar kompetittiva u innovattiva, u b'hekk izzomm il-pass ma' ta' quddiem, u tkun kapaċi tahtaf l-opportunitajiet li jiġu quddiema sabiex tkompli tikber, tinvesti u tohloq ix-xoghol.

Impjiegi b'pagi baxxi, u b'kundizzjonijiet li ma jkunux tajbin, barra li mhumiex aċċettabbli fid-dinja tax-xoghol illum, jistghu jkunu r-riċetta ghal falliment ta' negozju. Min-naha l-ohra, l-impjegati mhallsa tajjeb ghandhom l-obbligu li jkunu responsabbli bizzejjed li jaghtu lill-*employer* taghhom dak mistenni minnhom u aktar.

Filwaqt li l-*employers* iharsu lejn l-impjegati bhala mezz ta' investiment, l-istess impjegati jridu jrendu lilhom infushom u joffru l-ahjar, sabiex l-investiment jissarraf f'suċċess, ghalihom stess, u ghal min ihaddimhom.

L-*employer*, sid ta' negozju zghir, ma ghandu qatt jaqta' qalbu li jimxi 'l quddiem. Ma ghandu qatt izomm lura milli jara kif jista' jibbenefika minn skemi ezistenti offruti mill-Gvern tal-ġurnata. L-*employer* irid jaghraf jaffronta kull sfida, u jdawwarha f'opportunitajiet godda, sabiex ikun jista' jinvesti aktar, u jkabbar il-profitti tieghu.

Ghal dan il-ghan, l-MEA hasbet li, barra s-servizzi li ghal dawn l-ahhar 48 sena dejjem offriet lill-*employers*, kemm bhala assoċjazzjoni kif ukoll bhala unjin, issa qieghda toffri servizzi ohra diretti, intenzjonati speċifikament ghal *employers* sidien ta' negozji zghar, permezz ta' SME Helpdesk ġdid.

Helpdesk ser ikun dispost li jghin lil sidien ta' negozji zghar meta dawn ikollhom bzonn jaghmlu kuntatt ma' xi dipartimenti, awtoritajiet jew entitajiet regolatorji, kif ukoll *hand-holding* waqt proċessi ta' applikazzjoni ghal xi skemi u benefiċċji ohra li minn zmien ghal zmien ikunu qed jiġu offruti lilhom.

www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation

Kull min jixtieq jaghmel kuntatt maghna (bhala Assoċjazzjoni ta' Min Ihaddem) jista' jaghmel dan billi jċempel fuq 2122 2992 jew 2123 7585. Jista' wkoll jibghat *email* lil anton.vella@maltaemployers.com, jew juza t-24/7 *helpline* 2122 2006, billi jċempel u jhallilna ismu, sabiex fl-iqsar zmien possibbli nkunu nistghu nirritornaw it-telefonata tieghu.

Grazzi talli tajtuni l-opportunità li nitkellem maghkom. Nittaqghu bhal-lum xahar. Min jixtieq jghaddili xi suġġerimenti fuq fuq suġġetti li jixtieq jisma' minghandi fil-ġimghat li ġejjin, nitlobkom thossukom liberi li tikkomunikaw mieghi jew mal-istaff editorjali ta' din il-gazzetta u jien inwegħedkom li naghmel hilti sabiex ma niddizappuntakomx.